MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 18/2006

**Rita Schembri**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Lulju, 2006, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"L-Arbitru,

Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-16 ta' Marzu 2006 fejn cahad it-talba ta' Rita Schembri ghal ghajnuna socjali, peress li ma kienx sodisfatt li hija kienet qed tifforma familja ghal rasha; ra wkoll l-appell tad-difensur taghha ta' l-4 ta' April, 2006.

Ikkonsidra li dan l-appell hu marbut ma’ l-appell l-iehor ta’ l-istess Schembri bin-numru 54/06 li jikkoncerna l-istess fatti u li wkoll qed jigi deciz illum, u ghalhekk qed issir riferenza ghall-imsemmija decizjoni l-ohra fl-appell 54/06.

Ghall-istess ragunijiet dan l-appell qed jigi michud.”

Hlief ghal fatt singulari illi x-xorta ta’ beneficcju ikkontemplat f’ dan il-kaz kien jitratta minn beneficcju ghall-Ghajnuna Socjali, mill-kumplament, il-fattispeci temani mill-istess rapport ta’ l-Investigazzjoni li ta lok ghal kaz Numru 54/06 quddiem l-Arbitru. Hekk id-decizjoni tad-Direttur appellat li jwaqqaf l-beneficcju hawn indikat u jiddomanda l-hlas lura tas-somom imhallsa hi f’ kollox, u ghal kollox, l-istess bhal dik tal-kaz ta’ l-iehor u hekk ukoll id-decizjoni ta’ l-Arbitru li segwitha;

Haga naturali l-aggravji tar-rikorrenti fil-kaz prezenti huma replika ta’ dawk introdotti fil-kaz l-iehor imsemmi. Mhux il-kaz allura li din il-Qorti toqghod anke hawn tirriproduci l-istess konsiderazzjonijiet minnha maghmula f’ dak l-appell (Nru. 19/06) bejn l-istess partijiet, deciz kontestwalment, u, allura, a skans ta’ ripetizzjoni zejda taghmel semplici riferenza ghalihom u taghmilhom applikabbli ghall-appell odjern.

Ghal motivi f’ dak l-appell l-iehor zvolti l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tichad l-appell in kwantu ghall-aggravju konness mal-kwestjoni tac-cessazzjoni tal-beneficcju ghall-Ghajnuna Socjali, pero` tilqa’ l-istess riferibilment ghall-aggravju dwar id-domanda tad-Direttur ghall-hlas lura ta’ l-ammont imhallas billi tichad din it-talba. Hu f’ dan is-sens li s-sentenza appellata qed tigi varjata. L-ispejjez, fic-cirkustanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------